MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 95/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria Speranza Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Speranza Mangion talli:

(1) nhar-il 4 ta' Settembru 2009, f'xi hin matul il-gurnata, f'dawn il-Gzejjer u cioe` minn gewwa d-Dental Surgery Department ta' l-Isptar Mater Dei, waqt li kienet xoghol gewwa l-istess dipartiment, ikkommettiet serq ta' Quickcash Credit Card mahruga mill-HSBC, u sussegwentement is-serq ta' 123.07 euro, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li sehh ghad-detriment ta' Mary Angela Cassar u/jew ta' persuni ohra;

(2) fl-istess data, ghall- habta tal-11:20 hrs, f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-fond Till Late li jinsab gewwa l-Isptar Mater Dei, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gieghlet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta' Mary Angela Cassar u/jew ta' persuni ohra;

(3) fl-istess data, ghall-habta tal-11:20 hrs, f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-fond Till Late li jinsab gewwa l-Isptar Mater Dei, iffalsifikat cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal- Gvern, u li sehh ghad-detriment ta' Mary Angela Cassar u/jew ta' persuni ohra.

Flimkien mal-piena, f'kaz ta' htija, il-prosekuzzjonui talbet l-interdizzjoni generali perpetwa ta' Maria Speranza Mangion minhabba l-fatt li hija ufficjal jew impjegat pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 261(d), 268(d), 281(a), 308, 167(1) u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmija Maria Speranza Mangion, sabitha hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti u lliberatha taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien (3) tliet snin, u inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatha ghall-interdizzjoni generali perpetwa. A tenur ta' l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-Qorti ordnat li s-sentenza in kwantu tirrigwarda l-kundanna ghall-interdizzjoni generali perpetwa, tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Maria Speranza Mangion ipprezentat fil-5 ta' Marzu, 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija ta' l-appellanti, tnehhi dik il-parti fejn gie applikat l-Artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta giet applikata l-interdizzjoni generali perpetwa u fin-nuqqas tapplika interdizzjoni definita ta' perijodu qasir;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa specifikatament dwar il-piena ta' interdizzjoni generali pepetwa mposta mill-ewwel Qorti. L-appellanti tilmenta illi (1) ladarba l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, din ma kellhiex tigi interpretata bhala piena u ghalhekk l-artikolu 190 tal-Kap. 9 ma kellux jigi applikat peress illi l-istess artikolu jghid li l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa "ghandha dejjem tizdied mal-piena stabbilita ghad-delitt"; (2) minghajr pregudizzju, ma tirrizulta ebda falsifikazzjoni f'dokumenti li jirrigwardaw ix-xoghol ta' l-appellanti u/jew fil-konfront ta' l-Isptar Mater Dei, imma kien delitt bejnha u Mary Angela Cassar. Ghalhekk ma seta' qatt jigi interpretat li l-falsifikazzjoni kienet maghmula minn ufficjal jew impjegat pubbliku; (3) minghajr pregudizzju, il-kaz kien wiehed pjetuz u b'cirkostanzi verament iddisprati ta' l-appellanti, u diga` tilfet il-post tax-xoghol nonostante fedina penali nettissima.

Dwar l-ewwel ilment l-appellanti m'ghandhiex ragun in vista ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 tal-Kap. 446:

**"Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' htija ta' hati li jitqieghed taht probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn**

**qabel imsemmi ghandha f'kull kaz tigi mwarrba ghall-finijiet ta' kull ligi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena ohra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' htija."**

Fil-kaz in ezami l-appellanti giet liberata kondizzjonalment, izda in vista ta' dak li jipprovdi s-subartikolu appena citat, il-piena ta' interdizzjoni tibqa' applikabbli.

Kwantu ghat-tieni lment, huwa minnu li l-falsifikazzjoni ma kinitx in konnessjoni max-xoghol ta' l-appellanti, izda permezz ta' tali falsifikazzjoni sar hlas indebitu mill-Bank HSBC bi ksur ta' l-artikolu 167(1) tal-Kodici Kriminali li jinsab fit-Titolu V ta' l-istess Kodici. Issa, l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali (wahda mid-disposizzjonijiet li jghoddu ghat-Titolu V) jipprovdi:

**"Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, il-piena ta' l-interdizzjoni generali perpetwa ghandha dejjem tizdied mal-piena stabbilita ghad-delitt."**

Dan l-artikolu ma jipprovdi ghall-ebda eccezzjoni. Mela, jekk sar delitt ta' falsifikazzjoni bi ksur ta' xi artikolu kontemplat fit-Titolu V tal-Kodici Kriminali u jekk il-hati jkun ufficjal jew impjegat pubbliku, il-piena msemmija fl-artikolu 190 ghandha tizdied. Fil-kaz in ezami, l-appellanti ammettiet li kkommettiet delitt ta' falsifikazzjoni, kienet impjegata pubblika, u ghalhekk l-interdizzjoni generali perpetwa kellha tigi wkoll applikata.

It-tielet ilment jirrigwarda l-fatt illi l-ewwel Qorti ma ttemperatx il-perijodu ta' interdizzjoni. Issa, bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:

**"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit**

---

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta' Gunju 2004

**jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."**

L-ewwel Qorti, meta giet biex tiddetermina l-piena, ikkunsidrat "ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputata u dak dikjarat mill-ufficjal prosekutur". Il-verbal ta' l-ufficjal prosekutur kien jghid hekk:

"L-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-imputata ghandha fedina penali netta u li l-istess imputata kkooperat bis-shih mal-Pulizija. L-istess ufficjal prosekutur jiddikjara li r-refurtiva konsistenti fi €123.07 giet ritornata lil sidha u li dan kien kaz spjacevoli li wassal lill-imputata sabiex taghmel dawn ir-reati f'cirkostanzi familjari ddisprati u konsegwentement il-prosekuzzjoni titlob li sa fejn hu legalment possibbli l-Qorti turi l-hniena kollha taghha mal-imputata."

Effettivament l-ewwel Qorti, flok imponiet piena ta' prigunerija, illiberat lill-appellanti skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet snin u mponiet l-interdizzjoni generali perpetwa. Il-piena ta' interdizzjoni kif applikata mill-ewwel Qorti hi dik kontemplata fil-ligi, u peress illi ma jirrizultawx "ragunijiet specjali u straordinarji" skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali biex din tonqos, m'hemmx lok li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena, salv naturalment kull talba li l-appellanti tista' taghmel skond l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------